MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 393/1983/2

**Amante Caruana**

**Vs**

**Saveria Bonnici u b'digriet tal-24 ta' Novembru 1992 l-Avukat Dr. Ivan Gatt u l-P.L. Anthony Farrugia gew nominati kuraturi biex jidhru flok il-mejta konvenuta Saveria Bonnici**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Billi l-attur kien ftiehem ma' Ruggiero Bonnici li jifdi c-cens ta' mitt lira Maltija (Lm100) impost b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel tas-17 ta' Dicembru, 1981 bil-prezz ta' elfejn lira Maltija (Lm2000) u dan skond konvenju tas-17 ta' Dicembru, 1981;

U billi fuq dak il-konvenju huwa hallas l-elfejn lira prezz tal-fidi;

U billi fil-frattemp Ruggiero Bonnici miet u kien sopravissut minn martu Saveria Bonnici, kompartecipi mil-kommunjoni tal-akkwisti u uzufruttwarja ta' gedu, kif ukoll bhala werrieta ta' dan ic-cens lin-neputijiet tieghu John, Philip, Alfred, Grace Farrugia, Edwin, Joseph, Lawrence u Doris Abela, lkoll ahwa Caruana;

U billi l-partijiet kolha hlief Saveria Bonnici accettaw li jaddivjenu ghall-kuntratt ta' fidi;

Talab ghalhekk l-istess attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuta:-

1. Taddivjeni ghall-kuntratt ta' fidi tac-cens ta' mitt lira Maltija (Lm100) impost fuq 21, St. Francis Street, St. Paul's Bay, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel, u dan ghat-tenur tal-konvenju tas-17 ta' Dicembru, 1981, bil-prezz ta' elfejn lira (Lm2000) li gie ga minnu mhallas;

2. Li thallas l-ispejjez ta' dina l-kawza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' Marzu, 1983.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta illi fiha hija eccepiet:-

Illi d-domandi tal-attur ghandhom jigu michuda billi fil-fatt l-attur ma hallasx l-elfejn lira (Lm2000) prezz ta' fidi tac-cens imsemmi fic-citazzjoni.

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta, u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Novembru, 1992 li permezz tieghu gew nominati l-Avukat Dottor Ivan Gatt u l-Prokuratur Legali Anthony Farrugia bhala kuraturi sabiex jidhru flok il-mejta konvenuta Saveria Bonnici;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-istess kuraturi li biha eccipew;-

Illi huma ma humiex edotti mill-fatti u jiriservaw li jaghmlu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ultejuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess kuraturi;

Rat id-digriet tal-15 ta' Novembru, 1995 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Maria Dolores Gauci biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Hija sfortuna li l-iter f'din il-kawza kellu jsegwi perkors tant twil, spiss inutili, ghad-determinazzjoni tal-kwestjoni involuta. Effetivament il-kawza kellha dawn l-erba' fazijiet.

i. Bejn l-introduzzjoni taghha fit-8 ta' April 1983 sakemm xehdu l-attur u n-Nutar Gerard Spiteri Maempel fil-31 ta' Ottubru 1985 ghaddew sentejn u fuqhom;

ii. F'din l-ahhar imsemmija udjenza qamet il-kwestjoni tas-sigriet professjonali invokat mill-imsemmi nutar. Dan l-incident gie finalment determinat bil-provvediment ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tas-6 ta' Frar 1991.

iii. Minn hawn il-quddiem baqa' ma sar xejn ta' sostanza ghajr il-legittimazzjoni ta' l-atti minhabba d-decess avvenut tal-konvenuta. L-ebda provi ohra ma tressqu oltre dawk prodotti bejn l-1983 u l-1985.

iv. Fl-udjenza tal-4 ta' Marzu 1998 (fol 139) il-kawza thalliet ghas-sentenza u s-sitwazzjoni baqghet hekk immutata sal-lum.

Il-meritu tal-kawza hu pjuttost semplici. L-attur qed jiddomanda li l-konvenju tas-17 ta' Dicembru 1981 (fol 9) jigi ezegwit skond it-termini tieghu u l-konvenuta tkun ordnata taddivjeni ghal pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' fidi tac-cens.

Il-konvenuta opponiet ruhha mhux tant biex tirrezisti li tersaq ghal kuntratt izda ghax irriteniet illi l-attur kien ghadu ma hallasx l-ammont ta' elfejn lira Maltija (Lm2000) pattwit ghar-redenzjoni tac-cens.

Issa fil-precitat att tal-konvenju jinsab espress illi l-koncedent Ruggiero Bonnici, zewg il-konvenuta, "jiddikjara li gja rceva minghand il-komparenti Caruana u ta' din is-somma jhallilu d-debita ricevuta".

Dan il-konvenju kellu validita` ta' hmistax (15) il-xahar. Hekk ukoll jinghad fil-kuntratt, redatt fl-istess jum, li permezz tieghu zewg l-attrici kien ikkonceda b'enfitewsi perpetwa lill-attur, neputih, l-mezzanin Numru wiehed u ghoxrin (21) Saint Francis Street, San Pawl il-Bahar versu c-cens annwu ta' mitt lira Maltija (Lm100). Skond l-attur kien il-kuntratt li gie ippubblikat l-ewwel (fol 18). F'dan hu sostenut minn Nutar Gerard Spiteri Maempel (fol 45).

Mistoqsi l-ghala l-hlas tal-fidi ma ssemmiex fil-kuntratt l-attur ta bhala r-raguni illi hu ma riedx juri li kellu dawk il-flus (fol 18 u fol 38).

Fid-Dikjarazzjoni akkompanjanti n-nota ta' l-Eccezzjoniiet taghha l-konvenuta tiddikjara illi nonostante li l-attur kien qed jafferma li kien hallas ic-cens kapitalizzat ghal finijiet tar-redenzjoni fuq il-konvenju, wara dan hu kien hallas ic-cens ghal zewg skadenzi (17 ta' Gunju 1982 u 17 ta' Dicembru 1982). Bhala prova ta' dan giet minnha esebita ittra datata 31 ta' Jannar 1983 (fol 24) mibghuta mill-Avukat Dr. Hugh Peralta ghall-attur lill-konsulent legali taghha. F'din l-ittra jissemma li kien qed isir il-hlas permezz ta' cheque tac-cens skadut.

Posta lilu domanda f'dan il-kuntest l-attur wiegeb li dan il-hlas kien ghamlu fuq parir tal-Avukat tieghu (fol 18);

Jinghad bla tlaqliq li mhux facli li wiehed jaccetta din l-ispjega izda minn naha l-ohra din l-ispjega hi wkoll possibbli u ma tistax tigi sempliciment eskluza in kwantu hi spjegazzjoni, kollox ma' kollox, possibbli. U l-Qorti ma tistax ma taccettahiex bhala wahda plawsibbli. Multo magis, imbaghad, meta l-istess konvenju jikkorrobora l-versjoni tal-attur illi l-hlas tal-fidi kien sar mill-attur u ricevut mill-kontraent l-iehor Ruggiero Bonnici.

Maghdud ma' dan hemm fid-dritt ir-regola tradizzjonali illi kontra l-miktub mhumiex ammissibbli provi mhux miktuba. "Contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufertur" (**"Hazan –vs- Ebejer**", Kummerc, 18 ta' Jannar 1892; "**Joseph Gatt –vs- Joseph Galea**", Appell Civili, 14 ta' April 1975; "**Dolores Mifsud –vs- Carmelo Rizzo**", Appell Civili, 12 ta' Marzu 1984).

Din ir-regola pero' ghandha l-eccezzjonijiet taghha. (**Vol XXXIX pIII p855**)

Tali eccezzjonijiet jikkonkorru f'dawn il-kazijiet:-

i. Meta l-kuntratt jew ftehim ikun vizzjat minn frodi jew altrimenti null ghal xi raguni valida fil-ligi (**Vol XVI pII p90**; **Vol XXVII pI p725**);

ii. Meta l-kuntratt jew konvenju ikun simulat (**Vol XXIX pII p1203**; **Vol XXXII pI p138**);

iii. Meta s-sinifikat tal-kitba jkun ambigwu jew il-kitba tkun tikkontjeni partijiet kontradditorji (**Vol XXVI pI p414**; **Vol XXXIII pI p542**);

iv. Meta jkun irid jigi pruvat xi patt incidentali u accessorju jigifieri sekondarju (**Vol XXX pI p634**) u mhux inkonciljabbli mal-iskritt (**Vol XXIII pI p870**);

v. Meta jkun hemm ftehim verbali li jammonta ghal kondizzjoni li subordinatement ghaliha saret il-konvenzjoni

miktuba, u li minnha tiddependi l-ezekuzzjoni ta’ dik il-konvenzjoni (**Vol XLIV pI p267**).

Din il-Qorti ma tista’ tirravvisa l-ebda wahda mill-eccezzjonijiet fuq illustrati ghar-regola fil-kaz in disamina. U allura jkollha ssegwi l-principju illi meta l-ftehim bejn l-attur u Ruggiero Bonnici kien inkorporat fil-konvenju ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftiehmu, u fil-fatt ftehmu, fuqu, l-partijiet kontraenti gie mnizzel fil-konvenju. Ma jidherx li jista’ jkun konsentit meta l-iskrittura ma tikkontjeni l-ebda punti oskuri illi hemm bzonn l-ammissjoni ta’ prova estranea biex jigi delucidat dak li hu daqstant car mill-kliem.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba attrici kif dedotta fic-citazzjoni u tikkundanna lill-konvenuta biex taddivjeni ghall-kuntratt ta’ fidi ta’ cens li ghandu jigi ppubblikat permezz tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel mhux aktar tard mit-28 ta’ Frar 2003 f’wahda mill-awli ta’ dawn il-Qrati u bl-intervent tal-Avukat Dottor Ivan Gatt bhala kuratur biex jirraprezenta l-kontumaci fuq l-att.

Tichad it-tieni domanda attrici. Spejjez ghall-attur billi din hi ghal kollox inutili anke in bazi ghal dak dettat mill-Art. 223 (1) tal-Kap 12.

L-ispejjez tal-kawza, salv dawk tat-tieni domanda, huma a kariku tal-konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------